MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 312/2004

Kawza fil-lista: 33

**A B C**
**vs**
**D E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Mejju 1993, u minn dana z-zwieg twieldu uliedhom il-minorenni li huma F ta' ghaxar (10) snin u G ta' tlett (3) snin.

Peress illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti issa ilha snin impossibli minhabba sevizzi gravi konsistenti f' ingurji, swat, theddid mill-konvenut fil-konfront tal-attrici

martu, u dana apparti inkompatibilita'ta' karattru manifesta.

Peress illi l-kontendenti issa ilhom aktar minn sentejn separati de facto minn xulxin, tant li jghixu f' residenzi distinti.

Peress illi l-esponenti ghalhekk tixtieq li tissepara ad mensa et thoro minn mal-konvenut zewgha u tottjeni d-divizjoni formali tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, kif ukoll tottjeni dikjarazzjoni li l-konvenut zewgha ddekada mill-jeddijiet konjugali previsti mill-Kodici Civili.

Peress illi l-attrici tixtieq li l-kura u l-kustodja ta' uliedha l-minorenni jigu fdati f' idejha.

Peress illi l-attrici ma tahdimx u ghalhekk tixtieq li zewgha jigi obbligat ihallas manteniment adegwat kemm ghaliha kif ukol ghal htigijiet tal-minorenni, hekk kif inhuwa legalment obbligat li jaghmel. Kemm ilhom li nfirdu de facto minn ma' xulxin huwa qatt ma hallasha manteniment.

Peress illi minhabba s-swat u theddid frekwenti, l-attrici tixtieq li hija tigi awtorizzata tirrisjedi fil-fond Flat 7, Block 10, Bieb 9, Triq il-Gardenja, Santa Lucija ad eskluzjoni ta' zewgha, li wara kollox diga' jghix f' residenza separata.

Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-proceduri permezz ta' digriet numru 863/04TM datat 9 ta' Settembru 2004, u dana in segwitu tal-ittra ghall-medjazzjoni numerata 872/04 pprezentata mill-istess attrici.

Peress illi l-attrici tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha li huwa "C".

Jghid ghalhekk il-konvenut in vista tal-premess ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-kontendenti u dana minhabba inkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba f' ingurji, swat u theddid minn naha tal-konvenut fil-konfront tal-attrici martu;

2. Tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti hija xolta u ghalhekk tghaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti, u dana mhux necessarjament fi kwoti ugwali bejn il-partijiet;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minorenni uliedhom F u G tigi fdata f' idejn l-attrici;

4. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment adegwat kemm ghall-attrici kif ukoll ghaz-zewgt itfal minorenni;

5. Tawtorizza lill-attrici tibqa' tirrisjedi f' mod esklussic fid-dar konjugali li hija Flat 7, Block 10, Bieb 9, Triq il-Gardenja, Santa Lucija, u dana peress illi l-lokazzjoni relattiva ddur f' isimha, dejjem bl-eskluzjoni espressa tal-konvenut;

6. Tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubita li kien "C";

7. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali kollha kontemplati fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat is-sentenza mghotija minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 2006 li biha gie deciz li l-konvenut ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat ir-rapport[1] ta' l-Avukat Tat-Tfal Dottor Tatiane Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16

**Separazzjoni Personali**
Illi l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut, ta' nazzjonalita' gharbija, fil-15 ta' Mejju 1993, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal: F li llum ghandha mat-13-il sena, u G li llum ghandu circa 7 snin. Matul il-konvivenza matrimonjali l-koppja esperjenzjat disgwid u glied kontinwu li l-fonti principali tieghu huwa t-twemmin religjuz differenti tal-partijiet, akkumpanjati mal-karattru aggressiv tal-konvenut.

Illi l-attrici tispjega li qabel iz-zwieg, peress li l-konvenut jiprofessa t-twemmin musulman, il-partijiet marru l-Kuria u hemm kien ha gurament li t-tfal fiz-zwieg jitrabbew fir-religjon nisranija. Sussegwentement, wara li twieldet it-tifla F, ftit wara z-zwieg, beda jinqala' l-inkwiet bejn il-koppja peress li l-konvenut kien qed jopponi li t-tifla titghammed u ried li dina titrabba fir-religjon musulman li jhaddan hu. Tant eskaliet it-tensjoni bejn il-partijiet, b' episojdi ta' vjolenza da parti tal-konvenut, li l-attrici kienet kostretta taccetta li tibghat it-tifla fi skola ta' l-Islam bir-rizultat li t-tifla "thawwdet hafna u marret ghall-aghar".[2] Wara sena t-tifla l-attrici harget it-tifla minn dik l-iskola.

Sussegwentement twieled it-tifel G fis-sena 2001 u l-konvenut "ma riedx jaccettah bhala ibnu, u lanqas biss

---
[1] Fol.113
[2] Fol.30

kien ihares lejh. E ghamel sena shiha ma jaghtix kaz tat-tifel."[3] L-attrici tghid li l-konvenut ma riedx jemmen li t-tifel kien tieghu, peress li hu kien fil-process ta' chimoterapy peress li f' dak iz-zmien kellu cancer.

F' Awissu tas-sena 2002 il-konvenut telaq mid-dar konjugali wara episodju ta' vjolenza li fih l-attrici sofriet griehi hfief; u ma rritornax lura.

L-attrici tghid li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus u kien ihalliha fil-bzonn nonostante li hu kellu xoghol ta' bajjad u "kien idawwar lira mhux hazin."[4] Di fatti maz-zmien beda jghatiha Lm10 fil-gimgha li bihom "hu kien jippretendi li niehu hsieb lit-tfal, nixtri l-ikel, il-hrieqi tat-tifel u l-bzonnijiet l-ohra kollha tal-familja."[5]

Fid-deposizzjoni taghha hija tghid li wara li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali hu qatt ma' taha manteniment, ghajr li "darba hallasli kont" tad-dawl u ilma fl-ammont ta' Lm58; u darba l-konvenut ha lill-familja kollha Parigi u kien hallas kollox hu. Ghajr dawn l-istanti l-attrici ssostni kategorikament li l-konvenut qatt ma ghaddhielha flus ghall-manteniment; u dan, nonostante li huwa kien jahdem, u kien jistqarr ma' l-istess attrici li kien ikollu bicciet tax-xoghol.

Illi jidher pero' li l-ilment principali ta' l-attrici huwa dak li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut gieghli kien jerga' idjeh fuqha, kif evidenzjat mic-certifikati medici esebiti.

Illi fid-deposizzjoni tieghu tat-3 ta' Ottubru 2006 il-konvenut kkonferma li huwa jahdem meta jkollu xoghol addattat ghalih peress li ghandu kondizzjoni medika u ghalhekk huwa limitat f' dan ir-rigward. Huwa jichad pero' li qatt ma taha flus lill-attrici wara li telaq mid-dar matrimonjali. Huwa jghid li l-ahhar li hadem kien f' Awissu

[3] Fol.31
[4] Fol.32
[5] Fol.31

tas-sena 2006 u li meta kien jahdem “dejjem” kien jghin lil martu finanzjarjament.

Illi l-versjoni ta’ l-attrici ssib konfort fix-xhieda ta’ Fr. Etienne Caruana, tal-genituri taghha u anke fir-rapport tal-Avukat tat-Tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fl-ewwel lok il-Qorti, wara li semghet lill-konvenut jiddeponi, hija tal-fehma li m’ ghandhiex taghtih affidament meta jghid li huwa ma jahdimx u li meta kien jahdem “dejjem” kien jghin lill-attrici. Il-Qorti thoss li l-attrici hija aktar kredibbli, u li l-konvenut qed izomm il-qligh tieghu mistur, proprju biex jipprova jevita l-obbligu tieghu li jmantni lil martu u liz-zewg uliedu ta’ 11 u 7 snin rispettivament.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa da parti tal-konvenut is-sevizzi fil-konfront ta’ l-attrici, konsistenti f’ episodji ripetuti ta’ vjolenza, fisika u morali, fuq martu, kif ukoll in-nuqqas tieghu li jghati manteniment adegwat lil martu biex tghajjex il-familja.  Certament is-somma ta’ Lm10 fil-gimgha ghal dan il-ghan hija ferm inadegwata kunsidrat ukoll il-fatt li f’ dak iz-zmien it-tieni wild taghhom kien ghadu tarbija.  Din ix-xehha da parti tal-konvneut fil-konfront ta’ martu u uliedu matul il-konvivenza matrimonjali tikkostitwixxi mohqrija; u s-sitwazzjoni aggravat ruhha meta l-konvenut abbanduna lil martu u lil uliedu fis-sena 2002 minghajr ma ghadda ebda manteniment lill-attrici, b’ hekk l-abbandun tieghu jassumi wkoll karattru ngurjuz, tenut kont ukoll ta’ l-eta’ zghir tat-tfal.

In fine jigi osserva li l-fatt li l-konvenut kien jesprimi dubju ma’ l-attrici dwar il-legittimita’ tat-tieni wild taghhom tant li ma kienx ried jaccettah bhala ibnu, dan il-fatt, fl-assenza ta’ provi li jsostnu t-tesi tal-konvenut, jikkostitwixxi fih in-nifs ingurja gravi da parti tieghu fil-konfront ta’ l-attrci.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment bi htija esklussiva

tal-konvenut minnhabba sevizzi u ngurja gravi kommessi minnu fil-konfront ta' martu l-attrici.

**Kura u Kustodja**
Illi mill-provi mismugha u senjatament mill-kontenut tar-rapport ta' l-Avukat Tat-tfal jirrizulta car li l-interessi tal-minuri jiddettaw li dawna jibqghu fil-kura u kustodja esklussiva ta' ommhom l-attrici, li ilha tiehu hsiebhom minn mindu twieldu, nonostante l-diffikultajiet kollha li habtet u ghadha thabbat wiccha maghhom; filwaqt li l-konvenut ikollu access ghal uliedu darbtejn fil-gimgha, saghtejn kull darba; izda stante l-eta' zghira tal-minuri G, u raguni principapli ghat-tilwim matrimonjali, l-access ghal tlett snin millum ghandu jsir fil-presenza ta' l-attrici.

Ghaldaqstant tordna li l-kura u kustodja taz-zewg minuri tkun fdata esklussivament f' idejn l-attrici filwaqt li l-konvenut ikollu dritt ta' access darbtejn fil-gimgha, saghtejn kull darba, kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha mill-5.00 pm sa-7.00pm – sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor fuq il-modalita' ta' l-access dwar granet u hinijiet – u bid-dritt ta' l-attrici li tkun prezenti waqt l-access, ghal perijodu ta' tlett snin millum.

**Manteniment**
Illi il-konvenut bhala l-parti hatja tal-firda ghandu l-obbligu li jmantni lill-attrici, kemm il-darba dina ma tahdimx bi qligh;  kif ukoll ghandu obbligu legali li jmantni liz-zewg uliedu minuri, almenu, sakemm isir maggjorenni.

Illi dan l-aspett tal-kawza huwa rez diffikultuz minhabba r-riluttanza tal-konvenut, evidenti mid-deposizzjoni tieghu, li jxehed dwar l-introitu tieghu, b' tentattiv evidenti sabiex jehles mill-obbligi legali tieghu fil-konfront ta'martu u ta' uliedu.

Il-Qorti tosserva li mid-deposizzjoni tieghu jirrizulta li l-konvenut huwa kapaci li jaghmel certu tip ta' xoghol, u fil-fatt jammetti li jahdem sporadikament jew ahjar meta jsib xoghol addatat ghalih, u ghalhekk din il-Qorti thoss li, fl-assenza ta' figuri dwar l-introitu tieghu, fil-minimu l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ammont bhala

manteniment ghaz-zewg uliedu minuri, u li dan l-ammont ghandhu jkun komplessivament ta’ Lm80 kull erba gimghat.

In kwantu ghall-manteniment ghall-attrici, il-Qorti thoss li, in mankanza ta’ prova cara ta’ l-ammont ta’ l-introitu tieghu, ghandha f’ dan il-gudizzju tillimita ruhha billi tafferma d-dritt taghha li titlob manteniment minghand il-konvenut ghaliha u li dan ghandu jkun ta’ kwart [1/4] minn kull introitu tal-konvenut pagabbli lilha kull xahar; u dan sakemm l-attrici ma tkunx qed tahdem bi qligh regolari u adegwat.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi in propositu l-provi huma skarsi. Mill-provi jidher li l-assi jikkonsistu fil-kera tad-dar matrimonjali li l-attrici tghid li fuqha kienet hallset Lm2,000 bhala rigal, u vettura Skoda Favorit nru.FAW-138 li tintuza mill-konvenut u li ghandha valur ta’ circa Lm700.  Rigward l-ghamara li hemm fid-dar l-attrici tghid li dik hija parafernali taghha ghax inxtrat minnha qabel iz-zwieg.

Fic-cirkostanzi il-Qorti tordna li l-vettura FAW-138 tghaddi fl-intier taghha lill-konvenut, filwaqt li l-inkwilinat tad-dar konjugali Flat 7 Block 10 Bieb 9 Triq Gardenja Santa Lucia jghaddi esklussivament fuq l-attrici li baqghet tghix f’ dan il-fond flimkien ma’ uliedha anke wara li l-konvenut abbanduna d-dar konjugal u sab akkomodazzjoni band’ ohra.

In fine tordna li kull dejn kuntrattat mill-konvenut ghandu jibqa’ a kariku esklussiv tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, fil-kontumacja tal-konvenut:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal tortijiet attriwibbli esklussivament lill-konvenut;

[2] tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett mit-31 ta’ Awissu 2002, u tigi likwidata, u tordna li ssir l-assenjazzjoni kif fuq indikat that l-intestatura “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;;
[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens fuq indikat that l-intestatura “Kura u Kustodja”;
[4] tilqa’ ir-raba talba fis-sens fuq indikat that l-intestatura “Manteniment”;
[5] tilqa’ il-hames talba;
[6] tilqa’ is-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjoni xbubitha “C”;
[7] tilqa’ is-seba talba u tapplika fl-intier tieghu l-artikolu 48[1] Kap.16 fil-konfront tal-konvenut;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------